MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 114/2001/1

**Stella Scerri Taylor**

**Vs**

**Sharon Alwan u Jamal Sedigh Alwan**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex l-istess konvenuti ma ghandhomx jigu kundannati li fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, jizgombraw mill-fond propjeta ta’ l-attrici li jinsab numru disa’ (9), Triq Sant’ Anglu, Sliema, liema fond qed jigi okkupat mill-konvenuti minghajr ebda titolu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tas-6 ta’ Ottubru 2000 . Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ghall-fini ta’ kompetenza qed jigi dikjarat illi l-valur lokatizju tal-imsemmi fond ma jeccedix it-Lm18 fis-sena.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta (fol 10 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi preliminarjament dawn il-proceduri huma konnessi mal-kawza fl-ismijiet Mary Schembri vs Sharon Alwan et (Avviz Nru: 113/01JAB) li hija differita ghas-seduta tat-23 ta' Mejju 2001.
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess din il-Qorti m'hijiex kompetenti.
3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attrici ghandha tipprova t-titolu taghha fuq il-fond disa' (9), Triq Sant' Anglu, Sliema.
4. Illi minghajr pregudizzju wkoll, l-attrici trid tipprova illi hija ghamlet dikjarazzjoni li ddahhal avviz dwar trasferiment *causa mortis* dwar trasferiment tgaxxabbli tal-fond meritu tal-kawza jew li thallset it-taxxa relattiva fuq tali trasferiment jew li saret xi talba b'xi dipartiment tal-Gvern.
5. Illi fi kwalsiasi kaz, l-fond meritu tal-kawza huwa proprjeta ta' terzi li m'humiex parti f'dawn il-proceduri u ghalhekk il-gudizzju mhuwiex integru.
6. Illi fil-meritu t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti ghandha titolu validu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

Illi ghalhekk l-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Rat dak verbalizzat a fol 12 tal-atti in rigward il-konvenut li, bl-ebda mod, ma ikkontesta t-talba attrici (ara ukoll fol 16 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni da parti ta' Dr Stephen Meilak ghall-attrici.

Ikkunsidrat

Illi, in linea preliminari, ghandu jigi notat li:-
a) Hu minnu li l-konvenuta, wahedha, issottomettiet l-eccezzjonijiet taghha kif jidher a fol 9 tal-atti. Pero' ma resqet l-ebda prova sabiex tissostanzja l-istess eccezzjonijiet jew xi wahda minnhom u dan avolja inghatat l-opportunita' ghal dan il-ghan (ara fol 66, 69, 70 u fol 72 ibid).
b) Il-konvenut, da parti tieghu bl-ebda mod ma kkontesta t-talbiet attrici u ghandu jigi konsiderat bhala kontumaci.

Illi f'dan il-kaz, jkun opportun ukoll li ssir referenza ghall-avviz numru 113/01 JAB fl-ismijiet "Mary Schembri vs Sharon Alwan et" deciz illum stess, liema kaz kien qed jinstema kontestwalment mal-kaz in esami u ghall-provi prodotti u esebiti go fih.

Ikkunsidrat

Illi l-attrici, da parti taghha, ipproduciet diversi provi kemm orali kemm permezz ta' dokumenti. In rigward l-istess provi, l-attrici (fol 62 et seq ibid) ikkonfermat li l-fond imsemmi fl-avviz hu proprjeta taghha u dan permezz ta' wirt minghand il-genituri taghha mejtin specifikatament legat mholli lilha. Hi kompliet billi spjegat li dan il-fond kif wkoll iehor appartenenti lill-ohtha, Stella Scerri Taylor, kienu saru 'de facto' fond wiehed izda b'kirjiet separati lil certi Marija u Julian Spiteri, ormai mejtin it-tnejn. Hi sostniet li l-istess konjugi Spiteri qatt ma kienu informawha illi kien hemm xi hadd iehor jirrisjedi maghhom.

Inoltre hi irrankontat kif kienet saret laqgha wara l-mewt tal-konjugi Spiteri presenti, hi, l-istess ohtha, Luigi bin il-konjugi Spiteri, bint dan, il-konvenuta, ir-ragel ta' din, il-konvenut kif ukoll oht Luigi, Anna. Din il-laqgha kienet saret peress li Luigi Spiteri kien interessat li jakkwista l-istess fond. Pero ma kienx hemm qbil dwar il-prezz u

ghalhekk “bil-kelma ftehmna li jigi mbattal il-post” fi zmien xahrejn. Difatti f’Settembru 2000, Luigi Spiteri kien qal lilha u lill-ohtha li setghu jigbru c-cwievet ghax il-post kien “imbattal”. Pero, filfatt, kienu sabu fil-post, lill-konvenuta li qaltilhom illi hi kienet qed tirrisjedi fil-post. L–istess attrici, in sostenn tat-talbiet in esami esebiet diversi dokumenti (fol 25 sa fol 51 tal-atti fl-avviz hawn fuq imsemmi numru 113/01 JAB) u dan sabiex tipprova t-titolu taghha bhala propjetarja u li ma hemm ebda prova li l-konvenuti kienu, fil-fatt, jirrisjedu fil-fond in esami meta mietu n-nanniet tal-konvenuta. Jigi notat illi, kif risultanti mir-registru elettorali ta’ Ottubru 1999 u ta’ April 2000, il-konvenuta kienet registrata bhala votant f’post, f’Triq it-Turisti gewwa Bugibba liema post ghandu jigi konsiderat bhala r-residenza tal-konvenuti meta mietu l-istess nanniet taghha (ara ukoll ix-xhieda ta’ Anthony Gatt a fol 67 et seq ibid ta’ Josianne Farrugia Fenech a fol 79 ibid u ta’ Paul Pullicino a fol 82 ibid fl-atti tal-avviz numru 113/01JAB).

Ikkunsidrat.

Illi, mill-premess, jidher car illi l-attrici hi l-unika proprjetarja tal-post in kwistjoni, li l-konvenuta bl-ebda mod ma pprovat illi tista’ tivvanta xi titolu legali fuq l-istess post waqt li jigi notat li fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha hi ma specifikatx x’kien dan it-titolu pretiz minnha. Inoltre ghandu jissemma li, skond kif jidher mill-istess dokumenti msemmija l-attrici, filfatt, ghamlet id-dikjarazzjoni dwar trasferiment “causa mortis’ kif hemm pretiz fit-tielet (3) eccezzjoni in esami.

Illi konsegwentement l-eccezzjonijiet sottomessi mill-konvenuta ghandhom jigu respinti u michuda minghajr ebda esitazzjoni waqt li jigu akkolti t-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara li l-konvenuti qed jokkupaw il-post in kwistjoni minghajr ebda titolu validu fil-ligi.
2. tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex jizgumbraw mill-post imsemmi disa’ (9), Triq Sant’ Anglu, f’Tas-Sliema u dan sal-14 ta’ April 2007. In rigward l-ispejjes, dawn

inklusi dawk tal-ittra interpellatorja tas-6 ta’ Ottubru 2000, ghandhom jithallsu mill-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------